**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha 25 ta' Awwissu 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Mario Xiberras)**
**(Spettur Stephen Gulia)**
**(Spettur Jeffrey Scicluna)**

**vs**

**James Demanuele**

**1.** Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

James Demanuele ta' 46 sena, iben Felix u Rose nee' Camilleri, mwieled Pieta' nhar l-4 ta' April 1974, minghajr indirizz fiss u detentur tal-karta tal-identita bin-numru 0235374M

Akkuzat talli nhar it-18 t'Ottubru 2020 bejn it-tlieta ta' wara nofsinhar u l-erbgha ta' wara nofsinhar (15:00hrs – 16:00hrs) minn gewwa l-fond numru 293 'St. Louis', Triq Qrejten, Hamrun, u f'dawn il-Gzejjer:

1. Ikkometta serq ta' flus kontanti ghad-dannu ta' Carmelo Camilleri anzjan ta' hamsa u disghin sena u/jew persuna/i w/jew ta' xi entita' u/jew entitajiet ohra liema serq huwa

aggravat bil-vjolenza u bil-valur li ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37).

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bla ordni skond il-liġi ta' l-awtorita' kompetenti, u barra mill-kazijiet li fihom il-ligi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arresta, zamm jew issekwestra lil Carmelo Camilleri kontra l-volonta' tieghu u dan bil-hsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeg oħra u / jew biex jkun mgiegħel jaccetta li jagħmel xi trasferiment ta' hwejjġu

3. Hebb kontra l-persuna ta' Carmelo Camilleri sabiex jingurjah, idejqu jew jaghmel hsara lil din il-persuna.

4. U aktar talli fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi rrenda ruhhu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-hlas ta' spejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra ta' esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-Artikoli 383, 384, 385 u 412C tal-Kap 9 tal-ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' dawn il-persuni hawn fuq indikati.

**2.** Semghet ix-xhieda u rat l-atti kollha tal-kaz u d-dokumenti ezebiti.

**3.** Rat in-nota tar-rinviju tal-gudizzju tal-Avukat Generali tal-10 ta' Gunju 2021, fejn deherlu li tista' tinstab htija taht dak li hemm mahsub:

a) Fl-Artikoli 261(a)(c), 262(1)(a)(2), 267, 275, 276A, 277(a), 279(a), 280(2)(3), 257D(1)(b)(2)(3) u 257F(4) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
b) Fl-Artikoli 86, 87(1)(e), 257E(1)(2), u 257F(4) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
c) Fl-Artikolu 339(d) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
d) Fl-Artikoli 49, 50, 289 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

e) Fl-Artikoli 15A, 17, 31, 383, 384, 385, 412C, 532A u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

**Il-Fatti**

**4.** Il-fatti saljenti li taw lok ghal dawn il-proceduri huma fil-qosor is-segwenti:

1. Fit-18 ta' Ottubru 2018, Carmelo Camilleri, ta' hamsa u disghin (95) sena irrapporta l-Ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun li hu kien joqghod fi Qrejten Street, Hamrun u li dak in-nhar bejn it-3.00pm u 3.15pm, kien habbattlu l-bieb ta' barra ragel, li qallu li baghtu l-Kappillan Mifsud Bonnici biex jigbor xi flus.

2. Camilleri qal li hu dahhlu gewwa l-kcina fejn gewwa kexxun huwa kellu pouch b'madwar 900 Euro. Kif huwa qabad dan il-pouch biex jaghtih xi flus, ir-ragel hataflu l-flus, qabadlu idejh, lewihielu u tefghu mal-hajt u harab jigri l-barra. Camilleri prova jigri warajh u hareg fit-triq, izda r-ragel harab.

3. Meta marru fir-residenza ta' Camilleri, il-Pulizija gew avvicinati minn Philip Carbonaro li infurmahom li hu kien ra lil Camilleri hiereg mit-triq, jghajjat "halliel" u ra persuna maskili tigri lejn id-direzzjoni ta' Triq il-Fatati u mbaghad lejn Triq Mimosa, Hamrun. Carbonaro qal li hu kien sewga lil dan ir-ragel sa Triq Mimosa. Carbonaro ta deskrizzjoni ta' dan ir-ragel u ta' x'kien liebes lill-Pulizija.

4. Il-Pulizija elevat xi filmati minn CCTV cameras fit-torq fl-inhawi, u l-aggressur gie identifikat bhala l-imputat.

5. Irrizulta wkoll li dak in-nhar stess ghall-habta tal-4.45pm, l-imputat kien ghamel rapport l-Ghassa tal-Pulizija tal-Imsida fejn allega li kien gie aggredit minn certu Pawlu Spagnol, u kellu griehi f'wiccu. Skond l-imputat, Spagnol kien qed jippretendi xi flus minghandu.

6. Minn stharrig tal-filmat tac-CCTV li hemm hdejn l-Ghassa tal-Imsida, irrizulta li meta Demanuele kien sejjer jaghmel ir-rapport l-Ghassa tal-Imsida, kien liebes l-istess

hwejjeg li jidher fihom meta allegatament harab mix-xena fejn sehh id-delitt ta' serq qabel, gewwa Triq Qrejten, il-Hamrun.

7. F'dan il-filmat, l-imputat jidher qed inaddaf wiccu mid-demm li kellu, konsegwenza tal-glieda li allegatament kellu ma' Spagnol.

8. L-imputat gie arrestat tlett ijiem wara dawn l-incidenti. Meta gie arrestat, l-imputat kien liebes l-istess flokk li jidher fil-filmati tat-18 ta' Ottubru 2021. Minn tfittxija li saret fir-residenza tieghu go Guest House, l-Imsida, nstabu l-karkur u three quarter shorts tal-jeans, li jidher liebes fil-filmati tat-18 ta' Ottubru 2021.

9. Fl-istqarrija tieghu, l-imputat innega li hu kien b'xi mod involut mar-reat ta' serq ta' Camilleri. Pero, l-imputat rega' qal li gie ferut minn Spagnol u ghalhekk kien ghamel rapport l-Ghassa tal-Pulizija.

**Konsiderazzjonijiet dwar Htija**

**5.** Fix-xhieda tieghu, Carmelo Camilleri qal li qal sema' tahbita fuq l-antiporta tal-bieb tar-residenza tieghu, u meta fetah sab ragel li qallu li kien baghtu Dr Mifsud Bonnici sabiex jisilfu mitejn Euro (€200). Camilleri qal li ma kienx jaf lil Dr Mifsud Bonnici, u ghalhekk wiegbu li ma kellux flus. Pero dan ir-ragel baqa' jinsisti u dam jitkellem xi kwarta, u ma riedx jitlaq, u biex jehles minnu, Camilleri iddecieda li jtieh €200, sabiex jitlaq il-barra. Ghalhekk hu mar f'kamra ohra, u dan ir-ragel mexa marajh. Camilleri fetah kexxun, hareg il-flus, fejn kellu cirka elf u mija jew elf u mitejn Euro, u x'hin dar ir-ragel ra l-flus, qabez fuqu, lewielu idejh il-leminija wara daharu, u mbuttah darbtejn fuq rasu, u telaq jigri l-barra. Peress li ma kellux sahha jigri warajh, Camilleri hareg barra fit-triq jghajjat *"Aqbduh dan halliel ghax seraqni"*. Huwa qal li l-aggressur kien liebes hwejjeg li jaghtu fil-kulur griz.

**6.** Meta Camilleri gie mitlub jarafx lill-imputat fl-awla, huwa indika lill-imputat, bhala l-persuna li jahseb li kien l-aggressur, pero qal li ma kienx cert.

**7.** F'dawn il-proceduri xehed ukoll Philip Carbonaro li qal li dak in-nhar tal-incident kien ghadu kif ipparkja go triq qrib Qrejten Street, Hamrun, u ra lill-vittma hiereg hafi bil-pigama, u beda jghajjat wara wiehed ragel u jirrepeti l-kliem "Ieqaf halliel ieqaf", pero dan ir-ragel telaq

jigri. Carbonaro xehed hekk *"U jiena ghidt la telaq jigri nahseb li vera hadlu xi haga, serqu"*.[1] Huwa rega' startja l-karozza u mar hdejn l-anzjan u l-anzjan qallu li r-ragel kien seraqlu aktar minn hames mitt Euro. Carbonaro iddispjacieh ghall-anzjan, u saq bil-karozza biex jara jsibx lil dan ir-ragel. Fil-fatt lemhu fit-triq tal-Isptar St. Luke's, u cempel lill-Pulizija.

**8.** Carbonaro gharaf lill-imputat bhala l-persuna li ra tigri minn hdejn ir-residenza tal-vittma, u qal li hu kien ra lill-imputat wicc imb'wicc. Hu ikkonferma wkoll it-T-shirt u t-three-quarter jeans ipprezentati mill-Pulizija bhala l-hwejjeg li kien liebes l-imputat. Huwa ikkonferma li l-imputat kien liebes karkur bhal dak ezebit mill-Prosekuzzjoni, ghalkemm ma ikkonfermax il-kulur tieghu.

**9.** L-imputat ghazel li jixhed f'dawn il-proceduri. Huwa spjega li kien joqghod go Guesthouse l-Imsida, u kien imur il-Hamrun bil-mixi, peress li kellu ftit minuti mixi. Dak in-nhar tal-incident, ghal xi 3.15pm - 3.30pm mar jixtri x'jiekol mill-Hamrun Kiosk, ta' fejn l-ghassa tal-Pulizija tal-Hamrun.

**10.** Wara huwa mar it-Track Bar, li qieghed wara l-Guesthouse, biex jixtri s-sigaretti, izda l-machine ma kellhix is-sigarett li kien ipejjep u ghalhekk mar il-kazin tal-banda tal-Imsida. X'hin kien diehel il-kazin, kellu argument ma' certu Paul Spagnol, li ferih f'wiccu. Hu mar l-Ghassa tal-Imsida biex jaghmel rapport, u sussegwentement mar lura l-Guesthouse. Fix-xhieda tieghu, huwa ikkonferma li t-T-shirt, it-three quarters jeans u l-karkur ezebiti mill-Prosekuzzjoni kienu il-hwejjeg u l-karkur li kien liebes dak in-nhar tal-incident.

**11.** Kif qalet id-difiza fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha, fil-post tal-allegat serq, ma nstab xejn li b'xi mod jista jwassal ghal konvinciment morali li l-imputat kien proprju fuq il-post. Fost l-ohrajn ma nstabux fingerprints jew xaghar li irrizultaw li kienu tal-imputat James Demanuele.

**12.** Il-Prosekuzzjoni ressqet ukoll bhala prova l-call profile u l-localisation fuq in-numru tac-cellulari tal-imputat, kif ukoll il-filmati tac-CCTV li jindikaw li l-imputat kien fl-inhawi tal-incident. Pero, salv dak li se jinghad aktar l-isfel fir-rigward tal-filmati tac-CCTV, dawn il-provi jikkorroborraw ukoll il-verzjoni moghtija mill-imputat kemm matul l-interrogazzjoni kif

[1] Ara fol. 60 tal-process.

ukoll waqt ix-xhieda tieghu, li hu kien fl-akkwati li dejjem insista li kien jinsab fihom, waqt il-hin tal-incident.

**13.** Konsegwentement, dan il-kaz irid jigi deciz primarjament fuq il-kredibilita tax-xhieda prodotti mill-Prosekuzzjoni.

**14.** Kif osservat id-difiza, waqt ix-xhieda tieghu, il-vittma ma gharafx b'certezza lill-imputat bhala l-aggressur tieghu. Pero, irid jinghad ukoll li mill-persuni kollha prezenti fl-awla, il-vittma indika lill-imputat biss bhala l-persuna li aktarx aggredieh, u qal ukoll li mill-persuni kollha prezenti fl-awla, l-imputat kien l-aktar persuna li jqarreb lejn l-aggressur. Wiehed irid izomm quddiem ghajnejh li l-vittma huwa anzjan ta' hamsa u disghin (95) sena, li kien ghadu kemm sofra t-trauma fuq deskritta ftit iktar minn gimgha qabel, u li intalab jidentifika lill-aggressur tieghu minn fuq screen, peress li kien qed jixhed bis-sistema tal-videoconferencing.

**15.** Ghal xi raguni, fin-nota ta' osservazzjonijiet taghha, id-difiza ma semmiet imkien lix-xhud Philip Carbonaro, li kien l-aktar persuna li assista lill-Pulizija fl-investigazzjoni ta' dan l-incident. Carbonaro xehed li ghalkemm kien gieli ra lill-vittma qabel l-incident, ma kienx close tieghu. Carbonaro kien cert u konsistenti fix-xhieda tieghu. Huwa xehed li dak in-nhar hu ra lill-aggressur wicc imb'wicc, u waqt ix-xhieda tieghu immedjament identifika lill-imputat bhala l-persuna li ra titlaq tigri meta l-vittma hareg isegwieh u jghajjat "halliel". Hu identifika wkoll il-hwejjeg li l-imputat kien liebes dak in-nhar tal-incident, kif ukoll il-karkur tieghu, hlief ghal kulur tieghu.

**16.** Id-difiza ma ressqet l-ebda raguni sabiex tipprova tiskredita x-xhieda ta' Carbonaro, u mill-provi prodotti, din il-Qorti ma tara li hemm l-ebda raguni ghalfejn ghandha tiddubita li Carbonaro xehed il-verita.

**17.** Il-Prosekuzzjoni ghamlet enfasi kbira li fil-filmati l-imputat jidher qed jigri, filwaqt li l-imputat kemm fl-interrogazzjoni, kif ukoll fix-xhieda tieghu jinsisti li hu kien jimxi b'mod mghaggel. Il-Qorti wara li rat il-filmati tac-CCTV – u mhux biss l-istills mahruga mill-espert tal-informatika mahtur minnha – hija tal-opinjoni li f'wiehed mill-filmati l-imputat jidher miexi b'pass mghaggel hafna, pero ma jidhirx qed jigri, waqt li fil-filmat l-iehor jidher miexi b'pass normali u jitkellem fuq il-mobile. Min-naha l-ohra, l-imputat ma ta l-ebda raguni ghalfejn hu ghamel ghall-inqas xi hin jimxi b'pass maghggel f'nofs Ottubru 2018, ghal habta tat-3.30pm,

meta tkun ghadha s-shana. Il-kiosk minn fejn mar jixtri l-ikel u l-hanut minn fejn mar jixtri s-sigaretti ma kienux se jaghlqu, u mill-provi prodotti ma jirrizultax li l-amministrazzjoni tal-guesthouse kienet se tipprojbieh jidhol lura fil-kamra jekk idum barra iktar minn certu hin, ghall-inqas fis-sieghat in kwistjoni. Fix-xhieda tieghu in kontro-ezami, l-imputat jghid li dak il-hin ma kienx f'mument ta' paniku, anzi kien kalm. L-ewwel filmat tac-CCTV ma jaghtix l-impressjoni li l-imputat kien kalm, izda jghati l-impressjoni li l-imputat kien mghaggel.

**18.** Min-naha l-ohra, ix-xhud Carbonaro xehed aktar minn darba li meta l-vittma hareg mir-residenza tieghu jghajjat "halliel", l-imputat telaq jigri, u kien il-fatt li l-imputat telaq jigri li gaghlu jissusspetta li l-imputat vera kien seraq lill-vittma, u kien ghal din ir-raguni li rega' startja l-karozza tieghu u dar mat-toroq fl-inhawi sabiex jara jilmahx lill-imputat, u fil-fatt lemhu u informa lill-Pulizija.

**19.** Il-Qorti tirrileva wkoll li hemm inkonsistenza bejn il-verzjoni tal-fatti li ta l-imputat waqt l-interrogazzjoni u dik li ta fix-xhieda tieghu.

**20.** Waqt l-interrogazzjoni, l-imputat qal li *"(m)ort nixtri chicken fillet mill-Hamrun Kiosk u rgajt inzilt l'isfel.*[2]*"* u li *'jiena u niezel kilt xi haga fit-triq minghalija u l-ohra zammejtha u ghidt li issa niekolha l-kamra"*.[3] Ghalhekk, f'din il-verzjoni huwa car li l-imputat xtara l-ikel bhala *take-away*. Min-naha l-ohra, waqt l-interrogazzjoni, l-imputat xehed hekk: *"(mort nixtri jekk joghgbok xi haga x'niekol mill-Hamrun Kiosk ... ... Qghad niekol hemmhekk u hadt sensation u ergajt inzilt lejn il-guesthouse."*[4] Skond din il-verzjoni, l-imputat kiel fil-Kiosk stess, u ma hax l-ikel *take-away*. L-interrogazzjoni saret ftit granet biss wara l-incident, u ghalhekk il-memorja tal-imputat kienet ghadha aktar friska ta' x'ghamel u m'ghamilx dak-in-nhar tal-incident, u fil-fatt l-imputat dahal f'certu dettal dwar li kiel parti mill-ikel fit-triq u parti ohra zammha biex jiekolha fil-kamra tieghu. Pero fit-tlett filmati tac-CCTV footage, ma jidhirx li l-imputat kien qed izomm xi ikel f'idejh. Din il-Qorti ma ghandhix dubbju li din kienet ir-raguni ghalfejn l-imputat biddel il-verzjoni tieghu, u meta xehed quddiem din il-Qorti qal li kien kiel fil-kiosk stess.

---

[2] Ara fol. 118.
[3] Ara fol. 120.
[4] Ara fol. 313.

**21.** Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet, il-Qorti hija sodisfatt lill'hinn minn kull dubbju ragonevoli, li l-imputat huwa l-persuna li issekwestra, aggredixxa u li seraq lill-vittma, li hu ragel li ghandu aktar minn sittin sena.

**22.** Mis-sentenza ezibita mill-Prosekuzzjoni f'dawn il-proceduri,[5] jirrizulta li l-imputat huwa wkoll recediv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali.

**23.** Pero f'din is-sentenza, l-imputat instab hati li gab ruhu b'mod illi kkaguna lil terza persuna li ser tintuza vjolenza kontriha. Ghalhekk, mill-provi ma jirrizultax li l-imputat huwa recidiv fid-delitti ta' serq ai termini tal-Artikolu 289 tal-Kodici Kriminali.

**Konsiderazzjonijiet dwar Piena**

**24.** Rigward il-piena, l-Qorti ikkunsidrat li ghal fini ta' piena r-reati koncernanti s-sekwestru ta' persuna anzjana huma assorbiti fir-reat ta' serq ikkwalifikat bil-vjolenza u bil-valur li ma jeccedix €2,329.37 fuq ragel anzjan, bl-applikazzjoni tat-teorija tal-konkors ideologiku jew formali tar-reati.

**25.** Ghal fini ta' piena, l-kontravvenzjoni li taghha l-imputat instab hati, hija assorbita fil-piena tad-delitt ta' serq ikkwalifikat kif fuq inghad, bl-applikazzjoni tar-regoli tal-konkors tal-pieni (Artikolu 17(d) tal-Kodici Kriminali).

**26.** Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni li l-imputat ghandu fedina penali raffrettarja li fiha xejn inqas min 45 faccata. Mal-ewwel daqqa' t'ghajn ta' din il-fedina penali, mal-ewwel johrog illi l-imputat huwa bniedem aggressiv u vjolenti, b'sensiela twila ta' vjolenza, theddid u aggressjoni fil-konfront ta' terzi, u l-kundanni tieghu jinkludu dawk ghar-reati ta' serq ikkwalifikat, stupru ta' minorenni, frodi, feriti gravi u hfief fuq terzi persuni, ksur tal-ligijiet tas-sewqan, u reati ta' vjolenza domestika.

**27.** Huwa inghata diversi opportunitajiet minn dawn il-Qrati biex jirriforma ruhu u jitbieghed mit-triq tal-kriminalita fosthom ordnijiet ta' probation, diversi sentenzi sospizi u

[5] Ara Dok LZ1 a fol. 280 *et seq.* tal-process.

ordni ta' trattament. Pero jidher li l-imputat ma jridx jirriforma ruhu. Infatti huwa sinifikattiv li hu ikkommetta dawn ir-reati, ftit gimghat wara li skonta piena karcercja imposta minn din il-Qorti b'sentenza tas-17 ta' Lulju 2020.

**28.** Din il-Qorti lanqas tista' tinjora s-serjeta tar-reati li taghhom l-imputat instab hati. L-imputat ma qaghad jahsibha xejn biex jissekwestra anzjan ta' 95 sena, jilwilu idejh wara dahru u jimbuttah darbtejn fuq rasu, u jisirqu. Il-Qorti, kif preseduta, setghet tikkonstata fraglita fizika tal-persuna ta' dan l-anzjan meta hu gie jixhed quddiemha. Ghalkemm, fortunatament f'dan il-kaz, l-agir tal-imputat fuq anzjan ma kellux konsegwenzi aktar tragici, dan l-agir ma jista' jigi qatt tollerat mill-Qrati. Fl-opinjoni tal-Qorti, tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-piena ghandha tkun wahda ta' habs effettiv.

**29.** Issa bl-applikazzjoni tal-Artikoli 275, 276A u 277(a) tal-Kodici Kriminali, il-piena ghar-reat ta' serq aggravat bil-vjolenza maghmul fil-konfront ta' persuna li tkun ghalqet is-sittin sena u akkompanjat bil-kwalifika tal-valur, trid bil-fors tizdied bi grad u ghalhekk hija dik ta' minn tlettax (13)-il xahar sa hames (5) snin. Pero din il-Qorti ghandha l-fakolta izzid il-piena b'zewg gradi u f'dak il-kaz il-piena tkun ta' sentejn (2) snin sa sitt (6) snin. Fi kwalunkwe kaz, il-piena ma tistax tinghata fil-minimu taghha.

**30.** Inoltre ai termini tal-Artikolu 257D(1)(b) tal-Kodici Kriminali il-piena ghandha bil-fors tizdied bi grad iehor, u ghalhekk taqa' fil-parametri ta' sentejn (2) (grad iktar minn tlettax (13)-il xahar) sa disa' (9) snin (grad izjed minn sitt (6) snin).

**31.** L-imputat instab hati wkoll li hu recidiv ai termini tal-Artikoli 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, u din il-Qorti hija tal-opinjoni, li tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-piena ghandha tizdied bi grad, u ghalhekk taqa' fil-parametri ta' tlett snin (3) u tnax (12)-il sena.

**32.** Kif diga inghad, il-piena ma tistax tinghata fil-minimu taghha. Dan ifisser li, ai termini tal-Artikolu 20 tal-Kodici Kriminali, li *"il-piena li għandha tingħata għandu dejjem ikun fiha għall-anqas terz tad-differenza bejn il-minimum u l-maximum".* Fil-kaz odjern, id-differenza bejn il-minimum ta' tlett (3) snin u l-massimu ta' tnax (12)-il sena hija ta' mija u tminn (108) xahar, u konsegwentement terz (1/3) ta' din id-differenza hija sitta u tlettin (36) xhar, ossia tlett (3) snin. Ghalhekk fil-kaz odjern, il-minimum tal-piena maħdum b'din il-formula stabbilita fl-

Artikolu 20 tal-Kodici Kriminali huwa l-istess bhal minimum tal-piena stabbilit fil-parametri tal-pieni fl-artikolu li joħloq ir-reat u li jippreskrivi l-piena.

**33.** Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, il-Qorti hija tal-opinjoni li m'ghandhix taghti piena li ghandha tkun tqarreb lejn il-piena minima erogabbli skond il-ligi.

**Konkluzjoni**

**34.** Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti, wara li rat in-nota tar-rinviju ghall-gudizzju tal-Avukat Generali tal-10 ta' Gunju 2021:

1. ma issibx lill-imputat hati tal-addebitu kontemplat fl-Artikolu 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u qed tilliberah minnu.

2. wara li rat l-Artikoli 261(a)(c), 262(1)(a)(2), 267, 275, 276A, 277(a), 279(a), 280(2)(3), 257D(1)(b)(2)(3), 257F(4), 86, 87(1)(e), 257E(1)(2), u 257F(4), 339(d), 49 u 50 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, issib lill-imputat hati tar-reati fihom kontemplati, u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz tikkundannah ghal piena karcerarja ta' sitt (6) snin prigunerija, li minnhom ghandu jitnaqqas kull zmien illi l-imputat ghamel taht arrest preventiv biss in konnessjoni ma' dan ir-reat.

3. Tordna lill-hati ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ghal dan il-fini ir-Registratur ghandu jikkomunika minnufih lill-hati l-ammont hekk dovut. Jekk il-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu malli issir il-komunika lilu mir-Registratur, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata stabbilita skond il-ligi.

4. Inoltre ai termini tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u ai termini tal-Artikolu 24 tal-Kapitolu 466 tal-Ligijiet ta' Malta, rez applikabbli ghal dawn il-proceduri bl-Artikolu 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-Qorti tikkundanna lil hati biex ihallas lil Carmelo Camilleri s-somma ta' elf u mitt Euro (€1,100), rapprezentanti l-ammont misruq.

Dan l-ordni ghandu jikkostitwixxi titolu ezekuttiv ghall-finijiet u effetti kollha tal-Kodici ta’ Organizzazzjoni u Procedura Civili.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**